Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 246/1996/2

**Mariano Vella u b'digriet tal-4 ta' Marzu, 2004, *stante* l-mewt ta' Mariano Vella fil-mori tal-kawza l-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Vella**

**vs**

**Socjeta' *"Gourmet Company Limited"***

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fis-17 ta' Ottubru, 2005, mis-socjeta' *"Gourmet Company Limited"* li *in forza* taghha, wara li esponiet illi:

L-attur ipproceda kontra s-socjeta' konvenuta b'att ta' citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri li fiha talab lill-Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi dan il-kaz bid-dispensa mis-smigh *ai termini* ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12;

2. Tiddikjara illi l-lokazzjoni stipulata bis-sahha ta' l-iskrittura tad-19 ta' Settembru, 1992 xjolta minhabba n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta illi thallas l-iskadenza ta' kera dovuta fit-2 ta' Novembru, 1996;

3. *Kwindi* tawtorizza lill-attur jirriprendi l-pussess ta' l-azjenda u *business concern* mikrija bis-sahha ta' l-imsemmija skrittura;

4. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-iskadenza ta' kera dovuta fit-2 ta' Novembru, 1996 ammontanti ghal Lm5,000.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Novembru 1996.

Is-socjeta' konvenuta eccepiet fil-qosor:

1. *In linea* preliminari l-ewwel talba ghandha tigi respinta.

2. It-tieni talba attrici ghandha wkoll tigi respinta billi l-iskrittura privata tad-19 ta' Settembru, 1992 hija nulla u bla ebda validita' la legali u lanqas fattwali, dwar liema punt hemm kawza pendenti intavolata mis-socjeta' konvenuta.

3. It-titolu ta' lokazzjoni li ghandha s-socjeta' konvenuta ma jirrizultax mill-iskrittura privata msemmija imma minn ghejjun ohra li legalment kien u ghadu validu.

4. Is-socjeta' konvenuta m'ghandha thallas ebda skadenza ta' kera allegatament dovuta fit-2 ta' Novembru, 1996 ghar-ragunijiet indikati fl-ewwel tliet eccezzjonijiet.

5. Din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu tal-kawza intavolata mis-socjeta' konvenuta.

6. L-attur m'ghandu l-ebda jedd legali li jirriprendi l-pussess ta' l-azjenda u *business concern* mikrija bis-sahha ta' l-istess skrittura.

7. Is-socjeta' konvenuta m'ghandha tbati ebda forma ta' spejjez.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra.

B'sentenza moghtija fit-13 ta' April, 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri iddikjarat illi l-lokazzjoni stipulata bis-sahha ta' l-iskrittura tad-19 ta' Settembru, 1992 hija xolta minhabba n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li thallas l-iskadenza tal-kera dovuta fit-2 ta' Novembru, 1996; awtorizzat lill-attur jirriprendi l-pussess ta' l-azjenda u *business concern* mikrija bis-sahha ta' l-imsemmija skrittura u kkundannat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-iskadenza ta' kera dovuta sat-2 ta' Novembru, 1996 ammontanti ghal Lm5,000. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta pprezentat appell mill-precitata sentenza quddiem din l-Onorabbli Qorti.

B'sentenza moghtija fil-11 ta' Ottubru, 2005, din l-Onorabbli Qorti cahdet l-appell tas-socjeta' konvenuta Gourmet Company Limited u kkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

Fl-umili fehma tas-socjeta' konvenuta, hemm ragunijiet validi biex is-sentenza moghtija fil-11 ta' Ottubru, 2005 tigi mwarrba u mhassra u l-kawza terga' tinstema' mill-gdid fi grad ta' appell.

Ir-ragunijiet li jaghtu lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fi grad ta' appell huma s-segwenti:

1. Fis-sentenza taghha tal-11 ta' Ottubru, 2005, din l-Onorabbli Qorti minflok ma ezaminat l-appell dwar ir-revoka tad-digrieti, irrilevat f'pagna 8 tas-sentenza illi *"d-degrieti msemmija kienu diga' l-mertu ta' l-appell (deciz illum stess) fil-kawza Citaz Nru 234/97 fl-ismijiet Gourmet Company Limited et vs Nutar Paul George Pisani et, fejn talba simili giet trattata u michuda".* Hawnhekk tezisti kontradizzjoni cara ghaliex id-digrieti li l-Qorti qed taghmel riferenza ghalihom, kienu jew l-istess digrieti [fi kliem din il-Qorti, *"d-degrieti msemmija"*] jew digrieti simili [fi kliem din il-Qorti, *"talba simili giet trattata u michuda"*]. Ghaldaqstant, is-sentenza ta' din il-Qorti fiha dispozizzjonijiet kontra xulxin. L-artikolu 811 tal-Kap. 12, fis-subinciz (i) jipprovdi li jkun hemm lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza kemm-il darba sentenza jkun fiha dispozizzjonijiet kontra xulxin.

2. Fis-sentenza precitata tal-11 ta' Ottubru, 2005, din l-Onorabbli Qorti minflok ma ezaminat l-appell dwar ir-revoka tad-digriet, irrilevat f'pagna 8 tas-sentenza illi *"l-istess digrieti kienu wkoll il-mertu tar-rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet Domenico Savio et vs Avukat Generali, deciz fit-12 ta' April, 1999 … Ghalhekk it-talba ghar-revoka ta' l-imsemmija digriet qed tigi michuda".* Hawnhekk tezisti kontradizzjoni simili ghal dik indikata fil-paragrafu precedenti, ghaliex id-digrieti li l-Qorti qed taghmel riferenza ghalihom, kienu jew l-istess digrieti [fi kliem din il-Qorti, *"jigi rilevat li l-istess digrieti"*] jew digrieti simili [fi kliem din il-Qorti, *"it-talba ghar-revoka ta' l-imsemmija digrieti qed tigi michuda"*]. Ghaldaqstant, is-sentenza ta' din il-Qorti fiha dispozizzjonijiet kontra xulxin. L-artikolu 811 tal-Kap. 12, fis-subinciz (i) jipprovdi li jkun hemm lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza kemm-il darba sentenza jkun fiha dispozizzjonijiet kontra xulxin.

3. Taht it-titlu *"Smigh xieraq"* (pagna 8 *et seq*), din l-Onorabbli Qorti ghamlet taghha s-sentenza tat-12 ta' April, 1999 (li kopja taghha giet esibita mill-attur *a fol.* 325 *et seq*) fl-ismijiet Domenico Savio Spiteri et vs. Avukat

Generali. Din l-Onorabbli Qorti semplicement illi: *"dan l-ilment ta' l-appellanti kien gie ezaminat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fuq riferita li kienet qalet hekk …"*. Izda fir-realta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qatt ma kellha quddiemha dan ir-rikors kostituzzjonali u qatt ma tat decizjoni fuq dan ir-rikors kostituzzjonali. Skond is-subinciz (1) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12, kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' tigi ritrattata jekk is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Din il-Qorti kien minghalija li l-oghla Qorti tal-pajjiz diga' investiet il-kwistjoni, meta fil-fatt mhux hekk. Japplika allura l-*proviso* ghas-subinciz (1) tal-artikolu 811:

*Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.*

Barra minn hekk, diga' gara li din l-Onorabbli Qorti stess, fis-smigh ta' l-appell fil-kawza Citazzjoni 127/97, irrifjutat li tezamina u tiddeciedi l-lanjanzi kostituzzjonali tas-socjeta' *Gourmet Company Limited* minhabba s-sentenza tat-12 ta' April, 1999, li *pero'* ma kienitx sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.

4. Fir-raba' lok, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tal-11 ta' Ottubru, 2005 naqset li tapplika d-dispozizzjoni tal-ligi civili dwar il-*"purgazione della mora"* (art. 1519). F'pagni 10, 11 u 12 tas-sentenza taghha, din il-Qorti mxiet bhal li kieku din id-dispozizzjoni tal-ligi ma kienitx tezisti. Ghalkemm sa ftit zmien ilu din kienet interpretata bhala fakolta', aktar recentement l-interpretazzjoni tal-Qrati hi fis-sens li l-Qrati ghandhom id-dover li jaghtu dan id-dritt tal-purgazzjoni tal-mora. Huwa veru li din id-dispozizzjoni tinsab fl-istitut ta' l-enfitewsi, izda b'analogija tapplika wkoll fil-ligi tal-kera. Il-konkluzzjoni taghha (pagna 11) illi *"l-ewwel Qorti kienet sabet li l-konvenuti kienu moruzi fil-hlas ta' l-iskadenza ta' kera dovuta fit-2 ta' Novembru,*

*1996 u ghalhekk il-lokazzjoni fuq imsemmija tad-19 ta' Settembru, 1992 kienet giet xolta u ghalhekk awtorizzat lill-attur biex jirriprendi l-pussess ta' l-azjenda u business concern bis-sahha ta' l-imsemmija skrittura"*, fl-umili fehma ta' l-esponenti, hija skorretta *in kwantu* ma gietx applikata l-ligi dwar *"purgazione della mora"*. Ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tal-11 ta' Ottubru, 2005 applikat il-ligi hazina. Dan jaghti lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza fi stadju ta' appell skond is-subinciz (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12. Japplika wkoll il-proviso relattiv:

*Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni"*.

5. Fl-ahharnett, is-sentenza applikat il-ligi hazin *stante* li s-subinciz (3) ta' l-artikolu 1519 tal-Kap. 16 jipprovdi: *"Id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu ta' qabel dan ghandhom japplikaw ukoll f'kull kaz li fih il-hall tal-kuntratt ikun gie miftiehem jeskludi l-ghoti ta' xi zmien"*. Hekk gie ritenut ukoll fis-sentenza fl-ismijiet C. Stivala Limited vs Saviour Cassar et, Citazzjoni Nru 3469/96 deciza fl-4 ta' Lulju, 2001. *Eppure*, minflok ma giet applikata din id-dispozizzjoni tal-ligi, gie applikat principju invers meta din l-Onorabbli Qorti kkonkludiet f'pagna 11 tas-sentenza taghha: *"L-attur kien interpella il-konvenuti ddekadew mid-drittrijiet lokatizzji taghhom u d-depozitu li issa sar ma jistax jirravviza l-lokazzjoni li kienet giet dikjarata xjolta. Skond l-imsemmi Artikolu 4 is-sid hu intitolat jiehu lura l-pussess immedjatament, salv dejjem id-dritt tieghu li jithallas l-arretrati ta' kera dovut lilu"*. Wiehed jistaqsi: Il-lokazzjoni kienet giet *"dikjarata xjolta"* minn min? L-ebda Qorti ma kienet iddikjarata xjolta. Ghalhekk, is-sentenza li qed tigi impunjata applikat il-ligi hazin u l-artikolu 1519(3) tal-Kap. 16, li kellu jigi applikat, fil-fatt ma giex applikat. Konsegwentement hemm lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza *a bazi* ta' dak li jipprovdi s-subinciz (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti *Gourmet Company Limited*, filwaqt li tannetta l-garanzija ghall-ispejjez *a tenur* ta' l-artikoli 815 u 249 tal-Kap. 12, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, *in vista* tal-fatt li jezistu ragunijiet ghar-ritrattazzjoni tal-kawza *a tenur* tas-subincizi (e)(i) u (l) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12, tordna t-thassir tas-sentenza attakkata tal-11 ta' Ottubru, 2005 moghtija minn din l-Onorabbli Qorti li biha l-appell tar-rikorrenti gie michud u s-sentenza appellata giet ikkonfermata, u tordna li l-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-meritu quddiem l-istess Qorti.

Rat ir-rispostaipprezentata minn Anthony Vella li *in forza* taghha eccepixxa illi:

Huwa umilment sottomess illi r-rikors odjern huwa frivolu u vessatorju ghall-ahhar u intiz biss sabiex is-socjeta' rikorrenti tirbah ftit aktar zmien qabel ma jkollha tizgombra mill-azjenda u *business concern* illi hija ilha tokkupa illegalment u bla ebda titolu ghal dawn l-ahhar tlett snin.

L-esponenti sejjer jittratta l-aggravji, veri jew immaginarji, tar-rikorrenti fl-istess ordni illi fihom huma jinsabu elenkati fir-rikors promotur.

1. DISPOSIZZJONIJIET KONTRA XULXIN

Bir-rispett kollu lejn il-kontro parti, hawnhekk ir-rikorrenti qieghed addirittura jizzuffjetta bil-Qorti.

Is-sentenza illi maghha qieghed jipprova jiggranfa il-kontro parti ma fiha xejn kontradittorju u certament ma fiha ebda disposizzjoni kontra xi disposizzjoni ohra.

Il-Qorti kienet korretta meta qalet illi d-digrieti imsemmija fir-rikors ta' appell kienu gia jifformaw il-meritu ta' l-appell fil-kawza 234/97 *'Gourmet Company Limited vs Nutar Paul George Pisani et'*. Kienet ukoll korretta meta qalet illi t-talba deciza f'dik is-sentenza kienet simili ghat-talba meritu tal-kawza odjerna. B'daqshekk din l-Onorabbli

Qorti ma inkorriet f'ebda kontradizzjoni u ma emanat ebda disposizzjoni kontradittorja.

U anke jekk b'xi tigbid ta' immaginazzjoni u tar-regoli ta' ermenewtika jista' jigi argumentat illi hemm xi nuqqas ta' kjarezza fil-konsiderazzjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti, certament illi ma hemm ebda *'disposizzjonijiet kontra xulxin'* fis-sentenza impunjata. Is-sentenza tal-11 ta' Ottubru, 2005 hija wahda cara u fiha disposizzjoni wahda konformi u konsistenti fiha innifisha: dik cjoe' illi laqghet it-talbiet kollha tal-attur prevja ic-cahda tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u c-cahda tal-appell interpost mill-konvenuta.

Kif intqal ripetutament mill-Qrati taghna:

*"Is-subinciz 811 (i) jippermetti smigh mill-gdid fil-kaz fejn "fis-sentenza ikun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin".* **Din il-kontradizzjoni trid tirrizulta *pero'* fid-dispositiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta' l-ahhar jistghu jkunu rilevanti biex jitfghu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni"**

Hekk ukoll insibu l-istess Qorti tghid:

*"Biex tista' tinghata ritrattazzjoni ta' kawza fuq il-motiv illi s-sentenza attakkata fiha dispozizzjonijiet kontradittorji, jehtieg illi l-kontradizzjoni tkun mhux fil-motivazzjoni tas-sentenza, imma fil-parti dispozittiva, jew fil-konfront bejn il-motivazzjoni u l-parti dispozittiva. U biex jista' jinghad illi fl-istess gudikat ikun hemm dispozizzjonijiet kontradittorji hemm bzonn illi dawk id-dispozizzjonijiet ikunu jiddistruggu lil xulxin, b'mod li ma jkunx jistghu jigi ezegwiti kollha.* ***Meta, mbaghad, id-dispozizzjoni fis-sentenza hi "wahda", ma jistax ikun hemm dispozizzjonijiet kuntrarji fl-istess sentenza"***.

2. DISPOSIZZJONIJIET KONTRA XULXIN.

*In effetti* dan l-aggravju huwa ripetizzjoni tal-ewwel aggravju u dak illi gie sottomess b'riferenza ghall-ewwel aggravju japplika bl-istess forza ghal dan l-aggravju.

3. ZBALL FIS-SENTENZA IMPUNJATA

Fil-kawza *'Busuttil vs Gauci'* appena citata insibu lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi:

*"Fl-ahharnett l-artikolu 811 (l) jipprovdi ghal ritrattazzjoni f'kaz li s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti. Pero' dan l-izball "jehtieg li jkun manifest u li jkun iddetermina d-decizjoni i.e. li s-sentenza vvizzjata b'dak l-izball ma tistax tigi sanata minn xi ragunamenti ohra indipendenti minn dik zbaljata"* skond l-gurisprudenza.

Mentri fis-sentenza l-ohra riportata fil-Vol. LXXXI.2.653 *"Grech vs Bowman"* il-Qorti ta' l-Appell irriaffermat il-linji tal-gurisprudenza kostanti dwar l-aggravju ta' sentenza moghtija bhala effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Il-Qorti irriteniet illi:

*"Kien car mill-korp tas-sentenza impunjata illi dan il-fatt additat mir-ritrattandand bhala zball kien mhux biss ikkontestat waqt it-trattazzjoni imma kien gie ukoll deciz fis-sentenza impunjata meta l-Qorti ghazlet li tiddeciedi l-meritu billi tikkunsidra illi l-versjoni tal-fatti moghtija mill-attur nomine kienet aktar kredibbli u attendibbli mill-versjoni tal-konvenut"*.

L-istess insenjament insibuh addottat fis-sentenza riportata fil-Vol. LXXX.2.373 – *"Dalli vs Sare"*:

*"Hemm lok ukoll ghar-ritrattazzjoni fejn is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Jitqies li hemm zball fil-kaz li decizjoni tkun ibbazta fuq supposizzjonijiet ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza jew fuq is-supposizzjonijiet li ma jezistix xi fatt li l-verita' tieghu tkun stabbilita posittivament,* ***basta li l-kaz ta' wiehed u l-iehor il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza"****.*

Fil-kaz odjern il-punt additat mis-socjeta' ritrattanda gie ikkontestat fis-sentenza appellata, u din l-Onorabbli Qorti espressament iddecidietu fis-sentenza taghha. U

ghalhekk anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, jista' jigi ritenut illi hemm xi tip ta' zball fis-sentenza appellata, ir-rimedju tar-ritrattazzjoni mhux disponibbli lis-socjeta' kontro parti.

*In effett*, imbaghad, fil-kaz odjern ma jirrizulta illi sar ebda zball minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza impunjata. Huwa veru illi l-ilment tas-socjeta' rikorrenti dwar allegat smiegh xieraq kien gia gie ezaminat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali u kien gia gie deciz illi dak l-ilment ma huwa xejn hlief wiehed frivolu u vessatorju. Ghalhekk certament ma jistax jinghad illi meta din l-Onorabbli Qorti irreferiet ikkonkludiet hija ukoll illi dak l-ilment ghandu jigi skartat hija kienet qeghda *'tibbaza ruhha fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza'* fit-termini tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

4. APPLIKAZZJONI TAL-LIGI HAZINA.

Huwa f'dan l-aggravju u fl-aggravju segwenti illi iz-zuffjett *da parti* tas-socjeta' rikorrenti fil-konfront ta' din l-Onorabbli Qorti tilhaq il-kulminu taghha.

Is-socjeta' rikorrenti tippretendi illi f'kaz dwar terminazzjoni ta' kirja ta' azjenda u *business concern* – beni mobbli – il-Qorti ma kellhiex tapplika il-ligi dwar il-kirijiet ta' hwejjeg mobbli, *bensi'* id-disposizzjonijiet dwar istitut ben divers bhal ma huwa l-enfitewsi ta' beni immobbli.

L-esponenti ma jistax jifhem b'liema argument legali validu d-disposizzjoni tal-artikolu 1519 tal-Kodici Civili jista' jigi estiz fl-applikazzjoni tieghu ghall-kirjiet ta' hwejjeg mobbli meta dawn il-kirjiet huma fil-ligi taghna regolati f'Titolu totalment separat mill-Istitut tal-Enfitewsi, u ma hemm ebda disposizzjoni tal-ligi illi testendi din l-applikazzjoni. Certament illi dan l-argument sofist, u fin, *da parti* tal-kontro parti ma jista' qatt jaghti lok ghal ritrattazzjoni.

L-esponenti jaghmel riferenza hawnhekk ghal dak illi qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza riportata fil-Vol.

LXXXII.2.853 fl-ismijiet: ***“Micallef vs Dir. Sig. Socjali”*** fis-sens illi:

*“biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawn il-fatt kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikat. Jekk jirrizulta li s-sentenza mpunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghar-ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti illi dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza mpunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi tajba b’mod hazin”*.

Din ir-riferenza qeghda ssir, mhux ghaliex l-enuncjazzjoni u interpretazzjoni tal-ligi *da parti* ta’ din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza impunjata kienu b’xi mod skorretti izda sabiex jisahhah l-argument illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument kien hemm xi skorrettezza fl-interpretazzjoni tal-ligi, xorta wahda ir-rimedju tar-ritrattazzjoni mhux applikabbli fil-kaz odjern galadarba il-ligi applikata kienet dik korretta.

5. APPLIKAZZJONI TAL-LIGI HAZINA.

*In effetti*, l-istess bhall-aggravji numri wiehed u tnejn, dan l-aggravju huwa ripetizzjoni ta’ l-aggravju precedenti numru 4 (ghalkemm fir-rikors promotor dawn l-aggravji huma skorrettament indikati bin-numri 5 u 6), u ghalhekk l-esponenti jaghmel piena riferenza ghal dak illi issottometta hawn fuq dwar l-aggravju precedenti.

L-esponenti jaghlaq billi jaghmel riferenza ghal dak illi qalet din il-Qorti fil-kawza **“Causon vs Portelli”** (Vol. LXXX.2.464) –

*"Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il-kontendenti u dan independentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-gustizzja. Il-Guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur. Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga' jiftah il-kawza u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza, haga li mhix permessa bil-ligi"*.

Bir-rispett kollu dovut lill-parti l-ohra jirrizulta car illi din it-talba ghar-ritrattazzjoni ma hijiex hlief attentat kamuffat, u kamuffat b'mod xejn sottili, sabiex jerga' jiftah il-kawza u jipprova johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza kontra dak kollu previst fil-ligi nostrana. Dan huwa atteggjament illi gie addottat u rifless fis-sensiela interminabbli kollha ta' kawzi, appelli u ritrattazzjonijiet, flimkien ma' diversi rikorsi kostituzzjonali illi l-istess kontro parti adottat fit-tentattiv taghha sabiex tipprova tevadi jew talanqas tipprolunga dak illi huwa ormai inevitabbli. L-esponenti jissottometti illi dan l-atteggjament jirrasenta minn disprezz lejn l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti u jikkostitwixxi abbuz flagranti tal-proceduri gudizzjarji. Ghalhekk ma huwa xejn hlief attentat frivolu u vessatorju sabiex il-process gudizzjarju jigi stultifikat, u l-esponenti ghalhekk jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tezamina jekk huwiex ammissibbli li jigu applikati kontra s-socjeta' rikorrenti id-disposizzjonijiet tal-artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi tikkundanna lir-rikorrenti thallas l-ispejjez ta' din il-procedura doppjament.

Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti tal-process tal-kawza fl-ismijiet premessi deciza minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-11 ta' Ottubru, 2005;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna skrittura ta' lokazzjoni datata 19 ta' Settembru, 1992, li bis-sahha taghha s-socjeta' *Gourmet Co. Ltd* kienet hadet b'kera l-fond maghruf bl-isem *"Gourmet Bar & Restaurant"*, fi Triq Rabat, Xlendi, l-istore anness mal-fond, l-avvjament, il-permess, l-istock u l-oggetti kollha kontenuti fl-istess bar u dan versu l-kera ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) fis-sena matul l-ewwel erba' (4) snin, u hamest elef lira Maltin (Lm5,000) fis-sena matul it-tieni erba' (4) snin:

Il-klawsola numru erbgha (4) ta' dik l-iskrittura tghid illi:

*"Jekk l-inkwilin ikun moruz fil-hlas ta' kull skadenza ta' kera u jibqa' hekk moruz ghal hmistax-il gurnata minn notifika lilu ta' ittra ufficjali li titolbu l-hlas, din il-lokazzjoni tigi xolta ipse jure, u s-sid ikun inititolat jiehu lura l-pussess ta' l-azjenda u tal-fondi fejn tinsab gestita immedjamentament u minghajr htiega ta' ebda procedura gudizzjarja ulterjuri, salv dejjem id-dritt tieghu illi jithallas l-arretrati ta' kera dovuta lilu;"*

Jidher illi s-socjeta' konvenuta naqset illi thallas il-kera dovuta fit-tnejn (2) ta' Novembru, ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996) minkejja illi giet interpellata ghal dan il-ghan b'ittra ufficjali debitament notifikata lilha.

Illi fit-13 ta' April, 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tat sentenza li biha iddecidiet illi iddikjarat illi l-lokazzjoni stipulata bis-sahha ta' l-iskrittura tad-dsatax (19) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) hija xolta minhabba n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li thallas l-iskadenza tal-kera dovuta fit-tnejn (2) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996). Dik il-Qorti awtorizzat lill-attur li jirriprendi l-pussess ta' l-azjenda

u *business concern* mikrija bis-sahha ta' l-imsemmija skrittura u ikkundannat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-iskadenza tal-kera dovuta sat-tnejn (2) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996) ammontanti ghal hamest elef lira (Lm5,000). Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta appellat minn dik is-sentenza, izda din il-Qorti, diversament presjeduta, b'sentenza moghtija fil-11 ta' Ottubru, 2005, cahdet l-appell wara li qieset li s-sentenza ta' prim'istanza htiegilha li tigi konfermata. Is-socjeta' konvenuta issa qeghda, b'dawn il-proceduri, titlob r-ritrattazzjoni tas-sentenza fuq imsemmija moghtija minn din il-Qorti. Ir-ritrattazzjoni qed tintalab *a bazi* tal-artikolu 811(e)(i) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi. Fil-kawza fl-ismijiet **Mildred Ferando vs Loris Bianchi proprio et noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell [Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera] fit-12 ta' Mejju, 2003, gie osservat li, ***"dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol. XXV.i.137) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettisima (Vol. XXVII.I.818)***, ***"non suscettibili di una interpretazzione estensiva ma della sola letterale" (Antonio Micallef vs Maria Dolores Vella et, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Gunju, 1910"***.

Fil-kawza fl-ismijiet **Rev. Sacerdot Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' April, 1958, [Vol. XLII.I.227], gie osservat li f'dawn il-kawzi (*cioe'* ta' ritrattazzjoni) wiehed ghandu dejjem ***"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell*) (*Vol XXI.I.789) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolata, anki b'riferenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI, p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.I.818)".*** Il-Qorti kompliet tghid,

f'dik is-sentenza, li ***"ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol. VI fuq citata, jigi indirettament krejat tribunal tat-tielet istanza"****.*

Minbarra dan, sakemm din il-Qorti tkun ghadha qeghda tqis jekk jezistux ragunijiet tajbin bizzejjed biex thassar is-sentenza li taghha qed jintalab is-smigh mill-gdid, hija ma tista' bl-ebda mod tindahal f'apprezzament favorevoli jew kuntrarju tal-kunsiderazzjonijiet maghmulin mill-Qorti li tkun tat dik is-sentenza. Xoghol din il-Qorti *in rescindente* m'huwiex dak li tgharbel mill-gdid jekk hija taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti kienet waslet ghall-fehmiet taghha fis-sentenza impunjata: xoghol din il-Qorti hi li tqis jekk tirrizultax imqar wahda mic-cirkustanzi procedurali mahsubin fil-ligi li bihom dik is-sentenza tista' titwaqqa' (ara App. Inf. 26.1.2005 fil-kawza fl-ismijiet ***William Cassar Torreggiani vs Direttur tas-Sigurta' Socjali)***.

Fl-ewwel lok, is-socjeta' *Gourmet Co. Ltd,* qed tallega li fis-sentenza hemm kontradizzjonijiet li jaghtu lok ghal-ritrattazzjoni taht il-paragrafu (i) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12. Din is-sottomissjoni hi bazata fuq l-alleggazzjoni illi, fl-partijiet tas-sentenza, din il-Qorti ghamlet riferenza ghal decizjonijiet moghtija fi proceduri ohra fuq digrieti li, f'lok wiehed, qiesthom l-istess digrieti bhala li kienet qed titratta f'din il-kawza, u f'lok iehor, irriferit ghad-decizjonijiet l-ohra bhala bazati fuq *"talba simili"*. Din il-Qorti, fil-verita, tara li l-argumenti tas-socjeta' *Gourmet Co. Ltd* huma ghal kwantu fiergha u bla bazi. Dak li qalet din il-Qorti huwa li d-digrieti infushom kienu l-meritu ta' proceduri ohra, u t-talba tas-socjeta' f'dawn il-proceduri hija simili ghat-talba li tressqet fil-proceduri l-ohra. Din il-Qorti ma tarax kif dan jista' jitqies kontradittorju.

Minbarra dan, din il-Qorti taqbel ma' dak li gie osservat minn din il-Qorti fil-kawza **"Busuttil vs Gauci et"**, deciza fl-24 ta' Jannar, 1997, fis-sens illi:

*"Is-subinciz 811(i) jippermetti smigh mill-gdid fil-kaz fejn "fis-sentenza ikun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin"*.

**<u>Din il-kontradizzjoni trid tirrizulta *pero'* fid-dispositti v tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta' l-ahhar jistghu jkunu rilevanti biex jitfghu dawl u jiddentifikaw tali kontradizzjoni"</u>**

Hekk ukoll insibu l-istess Qorti tghid:

*"Biex tista' tinghata ritrattazzjoni ta' kawza fuq il-motiv illi s-sentenza attakkata fiha dispozizzjonijiet kontradittorji, jehtieg illi l-kontradizzjoni tkun mhux fil-motivazzjoni tas-sentenza, imma fil-parti dispozittiva, jew fil-konfront bejn il-motivazzjoni u l-parti dispozittiva. U biex jista' jinghad illi fl-istess gudikat ikun hemm dispozizzjonijiet kontradittorji hemm bzonn illi dawk id-dispozizzjonijiet ikunu jiddistruggu li xulxin, b'mod li ma jkunx jistghu jigi ezegwiti kollha.* ***Meta, mbaghad id-dispozizzjoni fis-sentenza hi "wahda", ma jistax jkun hemm dispozizzjonijiet kuntrarji fl-istess sentenza"*** – **<u>"Camilleri vs Bezzina"</u>**, deciza fil-5 ta' Gunju, 1959.

Is-socjeta' *Gourmet Co. Ltd* tallega ukoll li fis-sentenza hemm zball ta' fatt li jaghti lok ghal ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(l) tal-imsemmi Kap. 12. Din il-Qorti, kif issa presjeduta, ma tarax li, fil-fatt, sar xi zball fis-sentenza issa impunjata. Dak li osservat din il-Qorti taht it-titolu *"Smigh xieraq"* kien li l-lanjanza kienet giet diskussa u trattata f'kawza ohra bejn l-istess partijiet, u l-principju stabbilit kien li la darba parti tinghata opportunita' tressaq il-kaz taghha quddiem il-Qorti, izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess parti, din naqset li tuzufruwixxi ruha mill-opportunita' lilha moghti, ma tistax tilmenta fuq nuqqas ta' smigh xieraq. Il-fatt li l-Qorti l-ohra giet deskritta bhala l-Qorti Kostituzzjonali flok il-Prim Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, ma jwassalx ghall-izball materjali li trid il-ligi. F'kull kaz, din il-Qorti, wara li enuncjat il-principju, regghet ezaminat l-atti <u>ta' din il-kawza,</u> u qieset li l-ilment imressaq ma jisthoqlux li jkun misthoq. F'dan il-kuntest, din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni.

*"Fid-dawl ta' dan kollu li ghadu kif inghad, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent Spiteri u Gourmet Company Limited*

*inghataw, opportunita' adegwata sabiex jipprezentaw il-kaz taghhom. Kienu huma li ma ghamlux uzu mill-opportunita', anzi opportunitajiet, lilhom moghtija. Il-kuncett ta' "equality of arms" ma jfissirx li parti f'kawza ghandha d-dritt li tirregola hi l-andament tal-proceduri, jew li tressaq il-provi taghha meta u kif trid hi"*.

Din il-Qorti ma tirravissa ebda *"zball"* f'dan il-kumment.

Fl-ahharnett, is-socjeta' *Gourmet Co. Ltd* tissottometti li s-sentenza hi affetta minn zball ta' ligi li fit-termini tal-artikolu 811(e) jaghti lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza; hi tallega li l-Onorabbli Qorti tal-Appell naqset li tapplika d-dispozizzjonijiet tal-ligi civili dwar il-*"purgazione della mora"* kontemplati fl-artikolu 1519 tal-Kodici Civili. Din il-Qorti ma tarax li dan l-artikolu, fit-totalita' tieghu, japplika ghal kaz *in ezami*. Dak l-artikolu jinsab fit-titolu dedikat lill-kuntratt ta' enfitewsi, u jitkellem biss fuq il-hall tal-enfitewsi u l-hlas tac-cens maghluqa. Is-subartikoli kollha ta' dan l-artikolu, inkluz is-subartikolu (3) invokat, jirreferu ghal dik il-kontingenza, u mghandhomx jinghataw applikazzjoni ghall-kuntratti ohra, li mhumiex ta' enfitewsi. Il-kuntratt meritu ta' din il-kawza hu wiehed ta' lokazzjoni, u, allura, l-artikolu tal-ligi invokat mhux applikabbli.

Is-socjeta' *Gourmet Co. Ltd* setghet, kieku riedet, talbet l-applikazzjoni tal-artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc, trattandosi tal-fatt li l-kirja tidher li hi wahda kummercjali. Il-Qorti tqies, *pero'*, li lanqas dak l-artikolu ma hu applikabbli ghall-kaz, peress lid-diskrezzjoni hemm moghtija lill-Qorti biex taghti l-*purgazione della mora*, hi applikabbli biss f'kaz ta' kondizzjoni rizoluttiva tacita, u mhux meta l-kondizzjoni rizoluttiva hija espressa kif hu l-kaz fl-iskrittura meritu ta' din il-kawza (ara **"Chetcuti vs Farrugia"**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' April, 1993).

F'kull kaz, dak l-artikolu jaghti biss diskrezzjoni lill-Qorti, u l-fatt li l-Qorti ma dehrilhiex li kellha tezercita d-diskrezzjoni taghha favur is-socjeta', ma jista qatt jitqies bhala zball.

Il-Qorti, ghalhekk, tara li kull wiehed mill-diversi lanjanzi imressqa mis-socjeta' *Gourment Co. Ltd*, huma bla bazi, u peress li tqies li dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji sejra tikkundanna lis-socjeta' rikorrenti ghall-hlas ta' spejjez doppji.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti *Gourmet Company Limited*, u barra li tordna li l-ispejjez relattivi jithallsu minn din l-istess socjeta' rikorrenti, peress li tqies li l-procedura kienet frivola u vessatorja, tikkundanna lill-istess socjeta' rikorrenti *Gourmet Company Limited* ghall-hlas ta' spejjez doppji.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------